MALTA

# QORTI TA' L-APPELL

**S.T.O. PRIM IMHALLEF**
**VINCENT DE GAETANO**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH D. CAMILLERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH A. FILLETTI**

Seduta tat-28 ta' Frar, 2005

Appell Civili Numru. 924/1997/1

**Carmel Farrugia**

**v.**

**Alexandra Farrugia**

**Il-Qorti:**

**I PRELIMINARI**

1. Fil-25 ta' April 1997, Carmel Farrugia ("l-attur"/"l-appellant") intavola att ta' citazzjoni kontra martu Alexandra Farrugia ("il-konvenuta"/l-"appellata") quddiem

l-Onorabbli Prim Awla tal-Qorti Civili, fejn wara li irrefera ghall-kuntratt ta’ separazzjoni bonarja bejniethom pubblikat fl-atti tan-nutar Carmel Gafa` fis-26 ta’ Marzu 1996, huwa allega li dak il-kuntratt kien ivvizzjat peress li huwa kien resaq ghall-pubblikazzjoni tieghu b’rizultat ta’ vjolenza morali u qerq uzati mill-konvenuta fil-konfront tieghu, u anke peress illi, f’kull kaz, l-attur kien fi zball. L-attur ghalhekk talab lil dik il-Qorti li tiddikjara li l-imsemmi kuntratt kien sar bi vjolenza u qerq adoperati mill-konvenuta fil-konfront tieghu, u f’kull kaz, kien rizultat ta’ zball da parti ta’ l-attur u konsegwentement talab lil dik il-Qorti li tirrixxendi u tannulla l-imsemmi kuntratt ghal kull fini u affett tal-ligi – bl-ispejjez.

2. Il-konvenuta ikkontestat il-pretensjonijiet kollha ta’ l-attur kemm b’Nota ta’ Eccezzjonijiet kif ukoll b’kontro-talba. Fin-Nota ta’ l-Eccezzjonijiet taghha hija eccepiet il-preskrizzjoni a tenur ta’ l-Artikolu 1223(1) tal-Kodici Civili u tat zewg eccezzjonijiet sussegwenti ta’ natura procedurali. Bir-raba’ eccezzjoni taghha hija sostniet li t-talbiet ta’ l-attur huma ghal kollox infondati fil-fatt u fid-dritt stante li l-kunsens ta’ l-attur ma kienx vizzjat kif qed jigi allegat u dan ukoll kif jidher mill-kuntratt fl-intier tieghu u tenut kont tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

3. Fl-imsemmija kontro-talba taghha, li bhan-Nota ta’ Eccezzjonijiet, giet prezentata quddiem l-ewwel Qorti fl-14 ta’ Mejju 1998, il-konvenuta, wara li irreferiet ghall-imsemmi kuntratt ta’ separazzjoni tas-26 ta’ Marzu 1996, wara li allegat inadempjenza da parti ta’ l-attur dwar l-obbligi kontrattwali li kien assuma, hija talbet lill-ewwel Qorti,

1. li tiddikjara l-attur inadempjenti ta’ l-obbligu minnu assunt bil-kuntratt ta’ separazzjoni billi sal-lum ma ghamilx dak li ntrabat li jaghmel ai termini ta’ l-Artikolu 11 ta’ l-istess kuntratt;

2. tawtorizza lill-konvenuta li tezercita hija stess l-ghazla indikata fil-kuntratt minflok l-attur u tghaddi biex tirranga l-vettura jew tbiegha bil-provvedimenti kollha opportuni u necessarji;

3. tillikwida d-danni li soffriet minhabba l-inadempjenza ta' l-attur;

4. tikkundanna lill-attur ihallas lill-konvenuta s-somma hekk likwidata bhala danni flimkien ma' l-imghaxijiet legali mid-data tas-sentenza – bl-ispejjez.

4. Fl-ahhar parti tal-kontro-talba taghha, il-konvenuta espressament irriservat id-dritt li tghadi ghall-ezekuzzjoni tal-kuntratt ghall-obbligazzjonijiet l-ohra assunti mill-attur u li taghhom hu sal-lum inadempjenti, inkluz il-hlas ta' parti mis-somma pattwita gia` skaduta, certa u dovuta a tenur ta' l-Artikolu 12 tal-kuntratt imsemmi, permezz ta' proceduri ezekuttivi ghas-subbasta tal-proprjeta` immobiljari kkawtelata b'ipoteka specjali.

5. Fil-21 ta' Mejju 1998, l-attur ipprezenta Nota ta' Eccezzjonijiet ghall-kontro-talba tal-konvenuta li permezz taghha eccepixxa hekk:
1. Illi l-kontro-talba tal-konvenuta hija nulla u irritwali peress li ma jezistux ir-rekwiziti li titlob il-ligi biex jista' jkun hemm konnessjoni bejn iz-zewg talbiet;

2. Illi, minghajr pregudizzju ghall-premess, il-kuntratt li fuqu l-konvenuta qed tibbaza l-azzjoni taghha qed jigi impunjat b'din l-azzjoni attrici u, ghalhekk, f'dan l-istadju, l-ezekuzzjoni tal-kuntratt hija intempestiv;

3. Illi wkoll minghajr pregudizzju ghall-premess, kienet il-konvenuta li ma accettatx l-ezekuzzjoni tal-klawzola numru 11 tal-kuntratt, u dan meta irrifjutat karozza allura mixtrija ghaliha u qabdet u xtrat karozza ohra hi.

6. Il-partijiet ressqu provi voluminuzi hafna quddiem l-ewwel Qorti, u d-difensuri taghhom intavolaw noti ta' osservazzjonijiet twal u studjati in sostenn tat-tezijiet rispettivi tal-kontendenti. L-ewwel Onorabbli Qorti ghaddiet biex ippronunzjat is-sentenza taghha fis-6 ta' Marzu, 2003. Id-dispozittiv tas-sentenza jaqra hekk:

“Illi ghalhekk dwar l-azzjoni attrici, ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta’ u tiddeciedi,** billi filwaqt li **tilqa’** ir-raba’ eccezzjoni tal-konvenuta, u tichad l-eccezzjonijiet l-ohra kollha inkluza dik tal-preskrizzjoni minnha eccepita, **tichad it-talbiet attrici** *stante* li huma nfondati fil-fatt u fid-dritt.

Bl-ispejjez kollha tal-azzjoni attrici a karigu tal-attur.

Illi ghar-rigward tal-**kontro-talba** tal-konvenuta, din il-Qorti **taqta’ u tiddeciedi,** billi fil-waqt li tichad l-eccezzjoni kollha tal-attur rikonvenzjonat, u fil-waqt ukoll li tichad it-tielet (3) u r-raba’ talba tal-istess konvenuta fil-kontro-talba taghha minhabba nuqqas ta’ provi, **tilqa’ l-ewwel u t-tieni talba tal-konvenuta fil-kontro-talba taghha** b’dan illi:-

1. Tiddikjara l-attur inadempjenti tal-obbligu minnu assunt bil-kuntratt ta’ separazzjoni (Dok. “A”) billi sal-llum ma ghamilx dak li ntrabat li jaghmel *ai termini* tal-artikolu 11 tal-kuntratt;

2. Tawtorizza lill-konvenuta li tezercita l-ghazla ndikata fil-kuntratt hi minflok l-attur u tghaddi biex tirranga l-vettura jew tbieghha, b’dan li tali opzjoni u xelta ghandha tigi ezercitata mill-konvenuta fi zmien ghoxrin (20) gurnata mill-lum permezz ta’ nota fl-atti ta’ din il-kawza li ghandha tigi notifikata lill-attur u lil-perit tekniku hawn nominat, u fi kwalunkwe kaz tali ezekuzzjoni tal-opzjoni ghandu jsir taht id-direzzjoni tal-perit tekniku Joseph Zammit, li qed jigi nominat minn din il-Qorti ghal dan l-iskop, li ghandu fil-kaz tal-ewwel opzjoni jistabbilixxi l-valur tal-istess vettura Toyota Reg. No. T – 3975 fid-data tas-26 ta’Marzu 1996, u l-valur tat-tiswijiet necessarji sabiex l-istess karozza tinstaq, u fil-kaz tat-tieni opzjoni jistabbilixxi l-valur tal-istess karozza *de quo* u l-ammont ulterjuri li ghandu jithallas sabiex tigi akkwistata vettura tal-istess valur ta’ dik imsemmija fil-kuntratt, u dan a spejjez kollha tal-istess attur.

Bl-ispejjez kollha nkluzi dawk taz-zewg ittri ufficjali li gja’ msemmija u tal-ittra legali tal-20 ta’ Marzu 1997, u tal-perit tekniku hawn nominat kontra l-attur rikonvenzjonat.”

7. Ghall-kompletezza kopja shiha ta’ din id-decizjoni ta’ l-ewwel Onorabbli Qorti qeghdha tigi annessa ma’ l-odjerna sentenza bhala appendici biex tifforma parti integrali minnha. Dan qieghed isir billi s-sentenza ta’ l-ewwel Qorti tirriproduci testwalment l-atti gudizzjarji kollha li ssemmew fl-ewwel hames paragrafi ta’ din is-sentenza. Barra minn dan, dik is-sentenza fiha riassunt esawrjenti tal-provi l-aktar saljenti li ipproducew il-partijiet, l-osservazzjonijiet li ghamlet l-ewwel Qorti dwar l-aspetti legali u fattwali tal-kaz, kif ukoll il-motivazzjoni li wasslet lil dik il-Qorti li tippronunzja d-dispozittiv imsemmi fil-paragrafu precendenti.

**II L-APPELL**

8. L-attur hassu aggravat minn din is-sentenza ta’ l-ewwel Qorti u ghalhekk huwa ipprezenta rikors ta’ appell quddiem din il-Qorti fis-26 ta’ Marzu 2003. L-appellant elenka l-aggravji fil-konfront tas-sentenza appellata, kif jirrizulta minn kopja ta’ l-istess rikors li qeghda tigi annessa ma’ l-odjerna sentenza biex tifforma parti integrali minnha. L-attur qieghed sostanzjalment jitlob bir-rikors ta’ l-appell tieghu li s-sentenza appellata tigi riformata billi tigi konfermata fejn cahdet diversi eccezzjonijiet u kontro-talbiet tal-konvenuta appellata u li tigi revokata l-bqija tas-sentenza u minflok li jintlaqghu t-talbiet tieghu – bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-konvenuta appellata.

9. Il-konvenuta appellata ipprezentat ir-risposta ta’ l-appell taghha fis-16 ta’ Jannar, 2004. F’din ir-risposta hija wiegbet dettaljatament ghal kull aggravju li ressaq l-attur fl-appell tieghu u sostniet li s-sentenza appellata kienet gusta u timmerita konferma u ghalhekk talbet li din il-Qorti joghgobha tirrespingi l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata bl-ispejjez taz-zewg istanzi kontra l-attur appellant.

10. Fis-seduta tas-17 ta’ Mejju 2004, gie verbalizzat li d-difensuri tal-partijiet, ghal kull buon fini, jiddikjaraw li ma jsibux oggezzjoni li l-appell instema’ minn din il-Qorti kif

illum komposta, nonostante li l-Imhallef Joseph David Camilleri kien l-Imhallef sedenti fis-Sekond’Awla tal-Qorti li kien awtorizza lill-partijiet biex jaddivjenu ghall-kuntratt ta’ separazzjoni in kwistjoni.

11. Jirrizulta li fil-mori tal-kawza, iz-zwieg ezistenti bejn il-kontendenti gie dikjarat null. Infatti, jirrizulta li nghatat sentenza definittiva tat-Tribunal Regjonali tat-Tieni Istanza fis-27 ta’ Mejju 2002, li biha ikkonfermat decizjoni precedenti tat-Tribunal Metropolitan ta’ Malta tat-30 ta’ Jannar 2002, li iddikjarat null iz-zwieg bejn il-kontendenti celebrat fl-4 ta’ Gunju, 1988. Irrizulta wkoll li fit-22 ta’ Ottubru 2002, din il-Qorti ta’ l-Appell ordnat lid-Direttur tar-Registru Pubbliku li jirregistra l-imsemmija dikjarazzjoni ta’ nullita` taz-zwieg skond ma jipprovdu l-Artikoli 23 u 24 ta’ l-Att taz-Zwieg Kap. 255.

12. Din il-Qorti semghet it-trattazzjoni ta’ l-abbili difensuri tal-kontendenti fl-udjenza tat-8 ta’ Novembru 2004, f’liema data l-kawza thalliet ghas-sentenza in difett ta’ ostakolu.

**III KONSIDERAZZJONIJIET TA’ DIN IL-QORTI**

13. L-attur appellant qieghed jallega f’din il-kawza li l-kuntratt ta’ separazzjoni personali li sar bejn il-kontendenti u li gie ippubblikat fis-26 ta’ Marzu 1996, min-nutar Carmel Gafa`, ghandu jigi annullat mill-Qorti billi dak il-kuntratt kien rizultat ta’ vjolenza morali u qerq uzati mill-konvenuta fil-konfront tieghu, u li fi kwalunkwe kaz, dak il-kuntratt kien rizultat ta’ zball da parti tieghu. Il-konvenuta ikkontestat din il-pretensjoni ta’ l-attur kemm b’eccezzjonijiet ta’ natura legali kif ukoll billi allegat li ma kien veru xejn li l-kunsens ta’ l-attur kien vizzjat kif qieghed jallega l-istess attur. Inoltre hija ipprezentat kontro-talba li biha talbet li tigi ordnata l-esekuzzjoni ta’ dak dispost fl-Artikolu 11 ta’ l-imsemmi kuntratt u dan billi l-attur kien inadempjenti dwar l-obbligi assunti minnu fl-imsemmija stipulazzjoni tal-kuntratt ta’ separazzjoni bejniethom. Il-kuntratt ta’ separazzjoni personali, li l-attur qieghed jipprova jimpunja, jikkonsisti f’hamsa u ghoxrin artikolu kif jirrizulta li mill-kopja tieghu li tinsab esebita a fol. 6 sa 11 tal-process. Kif diga` nghad, il-partijiet ressqu hafna u hafna provi in sostenn tat-tezi rispettiva taghhom

u jista’ jinghad ukoll li l-kontenut ta’ hafna minn din ix-xhieda, l-aktar dik moghtija bil-procedura ta’ l-affidavit, hija tista’ tghid kompletamet irrelevanti ghall-kwistjonijiet involuti f’din il-kawza. Din il-Qorti ma thossx il-htiega li terga’ taghmel riassunt tal-provi prodotti mill-partijiet, peress li dan diga` sar mill-ewwel Qorti b’mod sostanzjalment korrett u ghalhekk din il-Qorti sejra tghaddi biex tikkonsidra l-aggravji li ressaq l-appellant fil-konfront tas-sentenza appellata u li biha gew michuda t-talbiet tieghu u ntlaqghet parti mill-kontro-talba tal-konvenuta appellata.

14. Ghandu mill-ewwel jinghad li l-aggravji li ressaq l-appellant tista’ tghid kollha kemm huma jikkoncernaw kritika tas-sentenza appellata, bl-allegazzjoni li l-ewwel Qorti ghamlet apprezzament skorrett tal-fatti u tal-provi akkwiziti fil-process. Jirrizulta mir-rikors ta’ appell stess, li l-appellant hu konsapevoli tal-principju fondamentali li din il-Qorti ta’ revizjoni ma tiddisturbax id-diskrezzjoni li tuza l-ewwel Qorti rigward il-kredibilita` tax-xhieda u l-apprezzament tal-provi prodotti jekk mhux ghal ragunijiet serji u gravi u biex tevita ingustizzja manifesta.

15. Bl-ewwel aggravju tieghu l-appellant qieghed jaghmel referenza ghal dawk il-partijiet fis-sentenza appellata fejn l-ewwel Onorabbli Qorti accennat ghac-cirkostanza li “l-attur fuq inizjattiva tieghu biddel diversi drabi l-abbozzi ta’ l-istess kuntratt ta’ separazzjoni, sakemm fl-ahhar gie firmat dak l-istess kuntratt li llum qed jigi attakkat minnu”. L-appellant qieghed isostni li qatt ma ngabu provi li hu biddel dan l-abbozz tal-kuntratt, anke ghaliex ma kien minnu xejn li l-attur biddel xi punti mill-kuntratt ta’ separazzjoni. L-appellant izid jghid li anke jekk kien veru li hu kien biddel xi kundizzjonijiet fil-kuntratt, dan il-fatt, per se, ma kienx jeskludi l-possibilita` li hu dahal ghall-kuntratt bi vjolenza, qerq jew ghax verament kien fi zball.

16. Kontrarjament ghal dak li jallega l-appellant f’dan l-ewwel aggravju tieghu, l-provi akkwiziti fil-process juru li l-ewwel Qorti kienet korretta meta ikkonkludiet li l-appellant kien biddel diversi drabi xi kondizzjonijiet fl-abbozz tal-kuntratt ta’ separazzjoni. Din ic-cirkostanza tirrizulta mhux

biss mix-xhieda tal-konvenuta appellata izda tirrizulta wkoll mix-xhieda li ta l-appellant stess meta kien qieghed jigi kontro-ezaminat fis-seduta tal-14 ta' Frar 2002, precizament a fol. 227 tal-process. Ghandu jinghad ukoll li, ezami tal-kuntratt in kwistjoni, juri li l-appellant ittutela l-interessi tieghu pjuttost sewwa. Fil-hsieb ta' din il-Qorti, l-fatt li l-appellant biddel diversi drabi l-abbozz tal-kuntratt ta' separazzjoni, kien jikkostitwixxi indikazzjoni li hu kien qieghed jahseb ghal rasu li l-kunsens tieghu ma kienx vizzjat. Dan ghaliex, kif sewwa irrimarkat l-appellata fir-risposta taghha, min jagixxi bil-biza' ma ghandux il-lussu ta' l-ghazla u ma jistax jiddetta kundizzjonijiet. Konsegwentement, il-kritika li qieghed jindirizza l-appellant fl-ewwel aggravju tieghu ma tistax tigi milqugha.

17. Bit-tieni aggravju tieghu, l-appellant jillamenta li s-sentenza appellata tat pjena kredibilita` lill-konvenuta u pingiet lilu bhala wiehed li uza l-vjolenza u anke li kien wiehed alkoholiku. L-appellant jishaq li meta iffirma l-kuntratt ta' separazzjoni in kwistjoni huwa ma kienx jaf li l-konvenuta kellha relazzjoni ma' terza persuna. Biex isahhah l-argument tieghu l-appellant jaghmel referenza ghad-decizjonijiet moghtija mit-Tribunali Ekklezjastici (u li ssemmew aktar qabel f'din is-sentenza) kif ukoll ghar-relazzjoni peritali tal-psikologu Reverendu Victor Shields.

18. Dan l-aggravju ta' l-appellat jikkoncerna purament l-apprezzament tal-kredibilita` tax-xhieda u l-mod kif l-ewwel Onorabbli Qorti applikat il-gudizzju taghha ghall-fatti. Din il-Qorti ma ghandha l-ebda dubbju li l-ewwel Qorti ezaminat b'reqqa kbira l-provi kollha li ressqulha l-partijiet, u johrog car li l-ewwel Qorti tat aktar kredibilita` ghax-xhieda u ghat-tezi tal-konvenuta milli ghat-tezi ta' l-appellant. Kif intqal aktar qabel f'din is-sentenza, din il-Qorti ta' revizjoni ma tara l-ebda raguni gravi li a bazi taghha jintitolaha li tiddisturba d-diskrezzjoni li wzat l-ewwel Qorti fl-apprezzament ta' dawn ix-xhieda u l-provi l-ohra akkwiziti fil-process. Ghandu jinghad ukoll li r-referenza ghar-rapport tal-psikologu Reverendu Shields ma kienitx f'postha, billi l-appellant jaf li dan ir-rapport gie sfilzat mill-atti, bis-sahha ta' digriet moghti mill-ewwel Qorti fit-3 ta Mejju 2002, kif jirrizulta minn fol. 271 tal-

process. Lanqas ma hija utili r-referenza li l-appellant ghamel ghad-decizjonijiet tat-Tribunali Ekklezjastici ghaliex, apparti ragunijiet ohra, dawn ma kienux quddiem l-ewwel Qorti meta tat is-sentenza taghha u dawn gew biss esebiti fil-mori ta' dan l-appell. Ghalhekk anke dan it-tieni aggravju ta' l-appellant ma jistax jintlaqa'.

19. Saret kritika lill-ewwel Qorti ghaliex din qaghdet fuq ix-xhieda ta' Frans Attard li xehed li huwa ma kellu ebda relazzjoni mal-konvenuta qabel ma gie ippubblikat il-kuntratt ta' separazzjoni in kwistjoni. L-appellant jirreferi ghal dik il-parti tax-xhieda ta' dan ix-xhud fejn huwa xehed li "l-appellant kien vjolenti maghha" cioe` mal-konvenuta. Minn din ic-cirkostanza, l-appellant jargumenta li din id-dikjarazzjoni ta' Attard tikkostitwixxi prova ta' kemm verament il-konvenuta u Frans Attard kienu johorgu flimkien meta kienet ghadha ma sehhitx is-separazzjoni. Bir-raba' agravju tieghu, imbaghad, l-appellant jaghmel referenza ghal dik l-okkazzjoni meta l-konvenuta kienet ma' l-imsemmi Frans Attard u dawn habtu bil-karozza f'Dicembru ta' l-istess sena li kien sar il-kuntratt in kwistjoni. L-appellant jghid li dakinhar il-konvenuta qaltlu "issa taf b'kollox" u li kien proprju hemmhekk li huwa nduna li dak li kienet qaltu qabel is-separazzjoni u cioe` li hija ma kellha ebda relazzjoni ma hadd, kien kollu gideb. L-appellant jghid li kien proprju minn dakinhar li huwa beda jiskopri l-verita` u nduna kemm gie mqarraq u kien ghalhekk li fetah din il-kawza.

20. Irrizulta li dan Frans Attard kien midhla tal-konjugi Farrugia. Irrizulta wkoll li f'xi zmien wara s-separazzjoni l-konvenuta marret tghix ma' dan Frans Attard u sussegwentement izzewgitu. Fil-hsieb ta' din il-Qorti, ma jidher li kien hemm xejn staordinarju li l-konvenuta tinforma lil Frans Attard minn dak li kienet ghaddiet minnu meta kienet tikkoabita ma' zewgha l-appellant. Dwar l-aspett l-iehor accennat f'dan l-aggravju ghandu jinghad li, a bazi tal-frazi "issa taf kollox" wiehed lanqas jista' jislet xi prova konkluziva li sehh l-allegat ingann li fuqu l-appellant jibbaza l-pretensjonijiet tieghu f'din il-kawza. Ghandu jinghad li dawn iz-zewg aggravji jikkritikaw l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Onorabbli Qorti dwar ic-cirkostanzi

msemmija f'dawk iz-zewg aggravji. Madanakollu, fil-hsieb ta' din il-Qorti, dawn l-aggravji ma jwasslux biex din il-Qorti tiddisturba d-diskrezzjoni wzata mill-ewwel Qorti fl-apprezzament ta' l-istess provi. Konsegwentement anke dawn iz-zewg aggravji ma jistghux jintlaqghu.

21. L-appellant qieghed jipprova jimpunja l-kuntratt tas-separazzjoni in kwistjoni wkoll fuq l-allegazzjoni li martu riedet is-separazzjoni, akkost ta' kollox, tant li kienet avzatu li kienet lesta tikkommetti suwicidju jekk huwa ma jikkoperax maghha. Bil-hames aggravji tieghu, l-appellant jilmenta li din ix-xhieda tieghu ma halliet l-ebda effett fuq l-ewwel Onorabbli Qorti tant li dan il-fatt ma ikkunsidratux bhala vjolenza morali peress li l-ewwel Qorti osservat li l-attur ma kienx inkwetat, ghax hu mar ghall-irtir u ghalhekk raqad barra f'lejl minnhom. L-appellant ikkritika l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti dwar din ic-cirkostanza ghaliex il-konvenuta, mhux biss esprimiet kliem ta' dwejjaq, izda kien hemm ukoll okkazzjoni ta' aktar minn darba fejn hija ghamlet attentat fuq hajjitha stess. L-appellant osserva li dawn ic-cirkostanzi jinkwadraw perfettament f'dik il-vjolenza morali li tivvizzja l-kunsens ghall-kuntratt in kwistjoni.

22. Huwa veru illi l-konvenuta appellata, xhur qabel ma sar il-kuntratt in kwistjoni, hadet *overdose*. Pero`, huwa veru wkoll li dan ma kienx jidher kaz tant serju. Infatti, irrizulta illi wara li l-konvenuta ddahlet l-isptar u nzammet ghal dak il-lejl hemmhekk l-ghada kienet giet illicenzjata u ma jidhirx li kien hemm ebda segwitu ghal dan l-incident. Naturalment, l-ewwel Qorti kellha tizen din ic-cirkostanza, kif ukoll l-allegazzjoni ta' l-appellant li l-konvenuta kienet ghal erba' darbiet ippruvat taghmel suwicidju u li hija halliet, dak li huwa jsejjah "*suicide notes*". Ma hemm xejn straordinarju fil-fatt li l-ewwel Qorti ma tatx kredibilita` fuq dan il-punt lill-appellant ghaliex, apparti l-kwistjoni li semmiet l-ewwel Qorti cioe` ta' l-okkazzjoni ta' l-irtir , ftit jaghmel sens li l-appellant jikkonsentixxi li jafda l-kura kustodja ta' wliedu lill-konvenuta kieku verament huwa kien jemmen li l-appellata kienet tant instabbli li kienet sejra tipprova taghmel suwicidju. Ghalhekk dan l-aggrajvu wkoll ghandu jigi respint.

23. Fis-sitt aggravju tieghu l-appellant jikkritika s-sentenza appellata fejn din irriteniet li l-appellant ta lill-konvenuta l-**minimu.** Huwa jaghmel riferenza ghal diversi klawsoli tal-kuntratt fosthom fejn fdalha l-ghezez haga li kellu cioe` lill-uliedu kif ukoll li ippermettielha li tabita fid-dar matrimonjali ghalkemm din kienet proprjeta` parafernali tieghu u li, barra minn hekk, weghdha s-somma ta' hmistax-il elf lira (Lm15,000) fuq l-istess kuntratt.

24. Anke hawnhekk l-appellant mhux qieghed jaqbel ma' l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti ta' kif saret l-assenjazzjoni tal-proprjeta` komuni fuq il-kuntratt ta' separazzjoni. Naturalment, l-appellant qieghed ipoggi fil-genb dawk il-klawzoli fil-kuntratt li juru li huwa haseb ghal rasu sewwa, liema klawzoli, naturalment ukoll, ma gewx injorati mill-ewwel Qorti. L-appellata irribattiet li hija ma kienet hadet xejn, mentri assenjat lil zewgha sehemha mill-kumpanija "JCJ Fabros Limited". Qalet ukoll li hija kellha taccetta manteniment mizeru anke ghat-tfal u li din il-kawza inbdiet malli wasal iz-zmien biex hija tircievi l-ewwel pagament akkont tas-somma ta' hmistax-il lira (Lm15,000) imweghda lilha fuq il-kuntratt ta' separazzjoni. Semmiet ukoll kif l-attur ghamel minn kollox biex ma jonorax l-obbligi tieghu fuq l-istess kuntratt. Wara li din il-Qorti ezaminat akkuratament il-provi akkwiziti fil-proncess in konnessjoni ma dan l-aggravju, waslet ghall-konkluzjoni li anke fir-rigward ta' dan l-aggravju ma ssib l-ebda raguni biex tiddisturba l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi in kwistjoni.

25. Fis-seba' aggravju, l-appellant jitratta l-allegazzjoni tieghu li l-kuntratt ta' separazzjoni ghandu jigi annullat minhabba qerq li ipprattikat l-appellata fil-konfront tieghu. L-appellant jaqbel ma' l-osservazzjonijiet ta' natura legali li ghamlet l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata meta spjegat f'hiex ezattament ghandu jikkonsisti l-ingann li jkun prattikat minn kontraent wiehed ghad-dannu ta' l-iehor, biex dan l-ingann ikun jammonta ghad-dolo rikjest mil-ligi bhala motiv ghall-annullibilita` ta' kuntratt. Anke hawnhekk, pero`, l-appellant ma jaqbilx ma' l-

apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti. L-appellant jikkritika l-ewwel Qorti talli din strahet fuq ix-xhieda tal-konvenuta, kif ukoll fuq ix-xiehda ta' Frans Attard, li llum sar ir-ragel taghha, cioe` fejn dawn stqarrew li huma ma kienux johorgu flimkien qabel ma gie ippubblikat il-kuntratt ta' separazzjoni. Huwa jikkritika lill-ewwel Qorti minhabba li ma emmnitx il-verzjoni tieghu: li kienet li martu kienet ingannatu ghax qatt ma wrietu l-verita` ghal-liema raguni riedet tissepara. Huwa jghid li dahal ghall-kuntratt b'intenzjoni tajba li jnehhilha l-istress li kellha kif ukoll ghall-gid ta' wliedu u sostna illi kieku kien jaf li hija riedet tissepara biex taqbad relazzjoni jew tkompli fir-relazzjoni li kellha ma' Frans Attard, kieku zgur ma kienx jidhol ghall-kuntratt ta' separazzjoni.

26. Anke fir-rigward ta' dan l-aggravju din il-Qorti ma tara l-ebda raguni ghaliex ghandha tiddisturba l-apprezzament tal-provi li ghamlet l-ewwel Qorti. L-ewwel Qorti kellha zewg tezijiet quddiemha u ghazlet it-tezi ta' l-appellata u tat ir-ragunijiet taghha ghaliex waslet ghal dik il-konluzjoni. Certament, ma jidher li saret ebda ingustizzja meta l-ewwel Qorti ghamlet hekk. Anzi din il-Qorti taghti hafna importanza ghall-fatt li l-appellant kien ikkonsidra l-possibilita` li jkun hemm terza persuna li jkollha relazzjoni mal-konvenuta. Xiehda ta' dan huma ezattament il-klawsoli numru 5 u 25 tal-kuntratt ta' separazzjoni li issa l-appellant qed jipprova jimpunja. Hemmhekk jinghad inter alia hekk:
"Ir-ragel ma jibqax obbligat li jaghti l-manteniment lill-mara f'kaz li l-mara tikkoabita ma' ragel iehor."

u,

"Ir-ragel u l-mara jaqblu u jaccettaw illi fid-dar tar-residenza tal-partijiet, il-kontraenti ma ghandhomx jiltaqghu ma' partner iehor fil-prezenza tat-tfal jew ta' wiehed minnhom."

27. Bit-tmien aggravju tieghu l-appellant jaghmel referenza ghal dawn il-klawsoli u jipprova jimminimizza l-vera portata taghhom billi jghid li dawn il-klawzoli ma

jwaqqghux l-argument li l-appellant dahal ghall-kuntratt ta' separazzjoni b'qerq, ghaliex billi l-kontendenti kellhom ftit 'il fuq minn tletin sena, ghalhekk wiehed jistenna li jkun hemm dawn il-klawsoli, peress illi huma klawzoli "standard".

28. Din il-Qorti ma tistax taqbel ma' dan l-argument ta' l-appellant kif huwa spjegat f'dan l-aggravju. Irrizulta li l-appellant kellu suspetti f'martu fiz-zmien antecedenti ghall-kuntratt ta' separazzjoni. Barra minn dan, din il-Qorti ma tistax ma taghtix lil dawn il-klawsoli t-tifsira cara li tohrog minnhom u cioe` li l-appellant meta ghamel il-kuntratt ta' separazzjoni in kwistjoni kien qieghed jikkontempla l-possibilita` li martu tidhol f'xi relazzjoni ma' ragel iehor. Ghalhekk anke dan l-aggravju ma jistax jintlaqa'.

29. Bid-disa' aggravju tieghu l-appellant jikkritika dik il-parti tas-sentenza fejn l-ewwel Qorti laqghet l-ewwel u t-tieni kontro-talba ta' l-appellata. Qieghed isostni li huwa kien xtara karozza Fiat second-hand minghand ir-ragel ta' oht il-konvenuta, wara li l-konvenuta stess riedet din il-karozza. Izda wara xahar li hija kienet bdiet tuzaha, ma ridithiex aktar. Huwa jistqarr li ma saret ebda prova dwar dan minhabba l-fatt li kien sar ftehim bejn l-appellant u l-konvenuta quddiem l-avukat taghha, u b'hekk l-appellant haseb li kollox kien itranga fuq dan il-punt.

30. Anke dan l-aggravju ma' jistax jintlaqa' ghaliex *imputet sibi* jekk l-appellant ma gabx il-provi li kellu jgib. Effettivament l-appellata qeghdha tikkontesta dak li qed jghid l-appellant f'dan l-aggravju ghaliex fir-risposta taghha hija sostniet li ma kien hemm l-ebda ftehim fuq il-karozza izda hija kienet insistiet li l-appellant iwettaq in bona fede dak li obbliga ruhu li jaghmel bil-kuntratt tas-separazzjoni.

31. Fl-ghaxar aggravju tieghu l-appellant qieghed jikkritika l-mod kif l-ewwel Qorti ordnat li l-ispejjez tal-kawza jigu sopportati, u cioe` li dawn kellhom ikunu sopportati kollha mill-appellant. Huwa spjega li dawn l-ispejjez m'ghandux ihallashom kollha huwa u b'mod

partikolari ghall-ispejjez tal-perit tekniku meta l-appellant kien diga`ipprovda lill-martu b'vettura tax-xelta taghha li kienet thallset minnu.

32. Dwar dan l-ahhar punt, cioe` l-ispejjez tal-perit tekniku, certament dan l-aggravju m'huwiex gustifikat ghar-raguni li nghatat fil-paragrafu precedenti. Madankollu, din il-Qorti jidhrilha li ghandha tilqa' *in parte* dan l-aggravju ghaliex is-sentenza appellata ma taghti l-ebda raguni ghaliex l-appellant kellu wkoll isofri l-ispejjez kollha tal-kawza meta kien jirrizulta li diversi eccezzjonijiet moghtija mill-konvenuta appellata ma ntalqghux mill-ewwel Qorti, kif ukoll meta irrizulta li l-ewwel Qorti cahdet it-tielet u r-raba' kontro-talba ta' l-istess konvenuta appellata. Fil-hsieb ta' din il-Qorti, ma hemm l-ebda raguni ghaliex il-konnvenuta appellata m'ghandhiex issofri l-ispejjez konnessi ma' dawn l-eccezzjonijiet u dawn il-kontro-talbiet li gustament ma gewx milqugha mill-ewwel Qorti.

33. Ghal dawn il-motivi, tilqa' l-appell biss in kwantu jikkoncerna il-kap ta' l-ispejjez, u tichdu ghall-kumplament u ghalhekk tikkonferma s-sentenza appellata, kollha kemm hi, hlief ghall-kap ta' l-ispejjez. Tordna li t-terminu ta' ghoxrin gurnata msemmi fid-dispozittiv tas-sentenza appellata jibda jiddekorri mil-lum, kif ukoll li l-ispejjez tal-Perit Tekniku Joseph Zammit ikunu a karigu ta' l-appellant. L-ispejjez l-ohra kollha, kemm ta' l-ewwel istanza u kemm ukoll ta' din l-istanza, jithallsu mill-kontendenti skond ir-rispettiv rebh u telf.

Deputat Registratur
Mgc

## **APPENDICI**

1. Kopja tad-decizjoni moghtija fis-6 ta' Marzu 2003, mill-Prim Awla tal-Qorti Civili qeghda tigi annessa ma' din is-sentenza biex tifforma parti integrali minnha.

2. Ir-rikors ta’ l-appell ta’ l-appellant ipprezentat fis-26 ta’ Marzu 2003, quddiem din il-Qorti, qieghed jigi anness ma’ din is-sentenza biex jifforma parti integrali minnha.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------